MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 652/1995/1

**Noel Vella u b'digriet tal-4 ta' Marzu 2003, stante l-mewt ta' Noel Vella fil-mori tal-kawza, l-atti gew trasfuzi f'isem l-eredi Diane Vella, Theodore Vella u Charlotte Vella**

**v.**

**Edwin Vella fil-kwalità tieghu ta' Chairman u Francis Said fil-kwalità tieghu ta' Managing Director, it-tnejn ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Med Serv Limited u b'digriet ta' l-4 ta' Mejju 1998 peress illi Edwin Vella u Francis Said ma ghadhomx jokkupaw il-karigi fuq imsemmija, l-atti gew sostitwiti f'isem is-socjetà stess Med Serv Limited**

**[<u>recte</u>: u b'digriet ta' l-4 ta' Mejju 1998 peress illi Edwin Vella u Francis Said ma ghadhomx jokkupaw il-karigi fuq imsemmija, l-atti qed jigu sostitwiti f'isem is-socjeta` stess Med Serv Limited.]**

## Il-Qorti:

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi bi ftehim maghmul bejn il-partijiet fil-15 ta' Frar, 1994 is-socjetà konvenuta ikkoncediet lill-attur *authorised leave without pay* sakemm huwa ikun ingaggat mis-socjetà konvenuta bhala il-*passenger transport sub contractor* taghha, u bil-patt li l-attur jibqa' meqjus bhala impjegat tas-socjetà u jerga jirrizumi x-xoghol tieghu ta' *driver messenger* mas-socjetà meta l-ingagg tieghu ta' sub kuntrattur jintemm; illi s-socjetà konvenuta itterminat l-ingagg tal-attur bhala sub kuntrattur inkarigat mit-trasport tal-passiggieri taghha fil-15 ta' Jannar, 1995, izda ma regghatx bdiet thallas lill-attur il-paga normali tieghu ta' *driver messenger* bhala impjegat regolari taghha, wara li l-*authorised leave without pay* gie tterminat mis-socjetà konvenuta; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: (a) tiddikjara li, la darba s-socjetà konvenuta itterminat il-ftehim mal-attur tal-15 ta' Frar, 1994, u ghalhekk itterminat l-*authorised leave without pay* tal-attur, is-socjetà konvenuta hija obbligata li thallas lill-attur il-paga normali tieghu ta' *driver messenger* impjegat tas-socjetà konvenuta, u (b) tikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lill-attur il-paga normali tieghu b'effett mill-15 ta' Jannar, 1995, flimkien ma' kull ammont ta' *bonus* dovut lilu skond il-ligi; bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine illi permezz taghha eccepew:

Premess illi l-attur ressaq il-kaz numru 936 quddiem it-Tribunal Industrijali (Dokument 1) f'data li tipprecedi l-istituzzjoni ta' dan il-kaz odjern;

Premess li l-Artiklu 28 ta' l-Att Numru XXX ta' l-1976 jaghti lit-Tribunal Industrijali l-gurisdizzjoni eskluziva fil-kazijiet fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta;

U peress li ghalhekk din il-Qorti ma hijiex kompetenti biex tiehu konjizzjoni tal-kaz in ezami;

Il-Qorti ghandha konsegwentement tiddikjara ruhha nkompetenti u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kawza;

U peress illi fil-mertu tal-kaz l-attur unilateralment ittermina it-*transport sub-contract agreement* minghajr ebda raguni valida;

B'rizerva ta' eccezzjonijiet ulterjuri fil-mertu f'kaz l-ewwel eccezzjoni tigi respinta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti nomine, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat is-sentenza tal-hmistax (15) ta' Mejju, 2000 illi permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:

"… filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet dwar l-inkompetenza <u>ratione materiæ</u> u l-eccezzjonijiet l-ohra kollha, <u>tilqa'</u> t-talbiet attrici kif dedotti b'effett però mid-data tas-7 ta' Frar 1995 bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess socjetà konvenuta";

u dan wara illi kkunsidrat hekk:

"… li mill-provi jirrizulta li l-attur gie mpjegat *on secondment* mas-socjetà konvenuta fl-4 ta' April 1983 bhala *driver messenger*. Jirrizulta wkoll li bi ftehim milhuq bejn l-attur u s-socjetà konvenuta min-naha l-ohra in data tal-15 ta' Frar 1994, is-socjetà konvenuta kkoncediet lill-attur *authorised leave without pay* sakemm huwa jkun

ingaggat mis-socjetà konvenuta bhala l-*passenger transport sub-contractor* taghha, b'dana però li l-attur baqa' meqjus bhala l-*employee* taghha, u dana b'effett retroattiv u cioè mid-data tal-25 ta' Ottubru 1993, ghalkemm gie miftiehem ukoll li sakemm dana l-arrangament jibqa' fis-sehh l-attur ma jiehux hlasijiet u beneficcji li ghalihom ikunu intitolati l-haddiema l-ohra tas-socjetà - ara ukoll Dok. NV11, a fol. 6 sa 8 tal-process.

"Jirrizulta li fis-6 ta' Marzu 1995 (Dok. NV13 - a fol. 10 tal-process) is-socjetà konvenuta kitbet lill-attur fejn infurmatu li galadarba l-attur kiser il-kuntratt unilateralment fis-7 ta' Frar 1995, hija kienet ser tibqa' thallas il-kontribuzzjonijiet tan-*National Insurance* tieghu (*i.e.* ta' l-attur) sas-7 ta' Marzu 1995 u wara din id-data tieqaf minn tali hlasijiet u dan billi nfurmatu formalment li kienu ser jinfurmaw lill-awtoritajiet koncernati li,
'*any relation you had with the company is no longer in existence*.'

"Ikkunsidrat li l-attur qieghed jikkontendi u jitlob li darba li s-socjetà konvenuta tterminatlu s-subkuntratt mit-trasport tal-passiggieri, allura huwa kien intitolat li jibqa' jircievi l-paga normali tieghu bhala *driver messenger* u dana bhala impjegat regolari mas-socjetà konvenuta ghax ikun ifisser, u konsegwenzjali ghall-fatt, li s-socjetà konvenuta kienet itterminatlu l-*authorised leave without pay* già koncess lilu.

"Is-socjetà konvenuta eccepiet l-inkompetenza ratione materiæ ta' din il-Qorti tibda biex tirrileva li l-azzjoni attrici hija ghall-hlas ta' paga u beneficcju ancillari *ex contractu* u l-attur mhux qieghed jitlob xi dikjarazzjoni dwar jekk it-tkeccija tieghu kienitx wahda gusta jew le. Anzi, l-attur ghadu sa issa jsostni li skond il-ftehim li kellu mas-socjetà konvenuta huwa ghadu mpjegat taghha u li mill-15 ta' Jannar 1995 kien intitolat paga u *bonus* bhala *driver messenger*. Il-Qorti, wara li qieset il-provi u sottomissjonijiet f'dan ir-rigward, hija tal-fehma li tali eccezzjoni hija nfondata. Ghalkemm huwa minnu li s-socjetà konvenuta giet imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali *ad istanza* tal-attur stess (kaz Numru 936 - ara fol. 35-37) jirrizulta li fuq talba tal-istess socjetà konvenuta

quddiem dak it-Tribunal ghal fini ta soprasessjoni in vista tac-citazzjoni in ezami, dak it-Tribunal ta digriet fis-7 ta' Marzu 1996 li permezz tieghu laqa' 't-talba tal-kumpanija ghas-soprasessjoni temporanja' u ddifferixxa l-kawza quddiemu *sine die* riappuntabbli fuq talba bil-miktub ta' xi wahda mill-partijiet.

"Fil-fehma tal-Qorti meta (ara klawsola 10 tal-ftehim Dok. NV1, fol. 7) is-socjetà konveuta kkoncediet u ftehmet mal-attur li taghtih *such unpaid leave strictly as per the provisions of the current collective agreement, except Article 34(8) which does not apply in the case of Mr. Vella*, dana kienet u setghet taghmlu a bazi tal-fatt li hija kienet tqis lill-attur bhala mpjegat taghha - kien allura jfisser li l-attur irriverta ghall-pozizzjoni tieghu ta' qabel, jigifieri l-<u>*status quo ante*</u>. Issa jekk imbaghad hemm kwistjonijiet ohra dwar tkeccija mill-impjieg regolari tal-attur, allura dik hi kwistjoni separata u li tassew tispetta lit-Tribunal Industrijali. Imma jerga' jigi ribadit li l-azzjoni odjerna tal-attur hija msejsa fuq il-ftehim li kellu mas-socjetà konvenuta u li l-kawza minnu intavolata hija bbazata fuq dan il-ftehim. Fejn ma taqbilx il-Qorti kwantu ghat-talba attrici hija li jidher li l-hlasijiet dovuta lilu ghandhom jibdew jitqiesu mis-7 ta' Frar 1995 u mhux mill-15 ta' Jannar 1995 kif hu talab. Mill-bqija, it-talbiet attrici jidhru fondati ghaliex jirrizulta li minn dik id-data, huwa ma baqax jircievi hlasijiet minghand is-socjetà konvenuta fil-kwalità tieghu ta' impjegat taghha bhala *driver messenger* kif fuq inghad."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjetà konvenuta illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talbet illi dina l-Qorti "… joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata … billi filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet taghha, tirrespingi t-talbiet attrici - bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attur;

Rat illi ma jirrizultax illi l-atturi pprezentaw risposta;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi huwa opportun illi l-ewwel jigi trattat l-aggravju tas-socjetà konvenuta kontenut fil-partijiet enumerati hdax (11) u tnax (12) tar-rikors ta’ appell ghaliex, jekk dan l-aggravju huwa fondat, ma jkunx hemm lok illi jigu trattati l-aggravji l-ohra. Permezz ta’ dan l-aggravju taghha s-socjetà konvenuta qed tissottometti illi l-ewwel Qorti kellha tilqa’, u mhux tirrespingi, l-eccezzjoni taghha illi l-istess Qorti hija nkompetenti illi tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici.

In sostenn ta’ dan l-aggravju taghha, is-socjetà appellanti, fir-rikors ta’ appell, invokat is-sentenza ta’ dina l-Qorti (Sede Kummercjali) tat-tlieta (3) ta’ Gunju, 1991 fil-kawza fl-ismijiet *Mariella Fenech Pace vs Raymond Bondin et noe*. Tajjeb illi tigi riprodotta s-segwenti silta minn din is-sentenza:
“Din il-Qorti mghandhiex dubbju li t-talbiet attrici … jiddependu minn jekk it-tkeccija kienitx wahda gusta jew ingusta ghaliex jirreferu ghaz-zmien meta [l-attrici] kienet digà giet avzata li giet licenzjata u ghal perijodu li ma hadmitx. Ghalhekk, … il-kompetenza biex tigi rizoluta il-kwistjoni tispetta lit-Tribunal Industrijali u mhux lil dawn il-Qrati”.

U, waqt it-trattazzjoni orali quddiem dina l-Qorti is-socjeta` appellanti nvokat ukoll is-sentenza ta’ dina l-Qorti tal-hamsa (5) ta’ Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet *Avukat Dottor Carmel Chircop vs. Awtorità Marittima ta’ Malta*. Rilevanti ghall-finijiet tad-determinazzjoni ta’ l-aggravju in ezami huwa s-segwenti bran minn din l-ahhar imsemmija sentenza:
“Ezami ta’ l-att promotur tal-prezenti istanza ma jhalli l-ebda dubbju li l-mertu jittratta dwar it-terminazzjoni ngusta ta’ l-impjieg ta’ l-attur anke jekk parti mill-premessi huma bazati fuq l-allegat nuqqas ta’ *vires* tac-Chairman ta’ l-Awtorità [konvenuta] li jittermina l-impjieg ta’ l-attur … Xorta però l-imputazzjoni tibqa’ ta’ tkeccija ngusta, tant li … t-tielet talba hi biex din il-Qorti tordna lill-Awtorità konvenuta tirreintegra fis-shih u fl-intier tieghu lill-attur fl-impjieg li kellu bl-istess salarju, kondizzjonijiet u beneficcji li jmorru mieghu”;

Ikkunsidrat:

Illi mill-brani citati taz-zewg sentenzi ta' dina l-Qorti illi ghamlet riferenza ghalihom s-socjetà konvenuta jidher car illi, fiz-zewg kawzi relativi, l-meritu involut kien it-terminazzjoni ingusta ta' l-impjieg. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, però, il-meritu tal-kawza odjerna huwa differenti; dan il-meritu gie puntwalizzat tajjeb mill-ewwel Qorti fis-segwenti silta mis-sentenza appellata (pagina 5 tas-sentenza):
"… din il-Qorti tibda biex tirrileva li l-azzjoni attrici hija ghall-hlas ta' paga u beneficcji ancillari *ex contractu* u l-attur mhux qieghed jitlob xi dikjarazzjoni dwar jekk it-tkeccija tieghu kienitx wahda gusta jew le …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dan stabbilit, ghall-kaz in ezami huwa applikabbli dak illi affermat dina l-Qorti fis-segwenti bran mis-sentenza taghha tad-dsatax (19) ta' Mejju, 2000 fil-kawza fl-ismijiet *Joseph Sammut vs Francis Vassallo noe et*:
"Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-Qrati ordinarji tal-pajjiz ma kienux prekluzi milli jiehdu konjizzjoni ta' materji li jiskaturixxu minn rabtiet kontrattwali u mill-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' l-obbligi kontrattwali bejn min jahdem u min ihaddem. … hi tal-fehma illi dawn ir-relazzjonijiet guridici … kienu relazzjonijiet li jemanu *ex contractu* u bhala tali sindakabbli mill-Qrati ordinarji."

Ghalhekk, l-aggravju in ezami tas-socjetà konvenuta mhux fondat u qed jigi respint;

Ikkunsidrat:

Illi hija tal-fehma illi dak illi tissottometti s-socjetà konvenuta fil-parti enumerata disgha (9) tar-rikors ta' appell taghha ma jammontax ghal aggravju kontra s-sentenza appellata u, konsegwentement, ma hemmx lok illi jigi konsidrat. Infatti, f'dik il-parti tar-rikors ta' appell is-socjetà konvenuta qed tissottometti illi, fi kliem l-istess rikors, "… l-ewwel Qorti ma jidherx li … ghamlet analizi korretta tad-digriet emess mit-Tribunal [Industrijali], esebit

a fol. 35 tal-process”. Fil-fehma ta’ dina l-Qorti, l-imsemmi digriet tat-Tribunal Industrijali - digriet illi permezz tieghu giet milqugha talba tas-socjetà konvenuta sabiex l-istess Tribunal jissoprassjedi sakemm tigi definittivament konkluza l-kawza odjerna - ma ghandu ebda rilevanza ghad-determinazzjoni ta’ din il-kawza. Inoltre, fil-fehma ta’ dina l-Qorti, dak kollu illi jinghad fis-sentenza appellata - illi qed jigi hawn riprodott - dwar l-imsemmi digriet ma ghandu ebda ness ma’, u effett fuq, il-parti disposittiva ta’ l-istess sentenza:
“Ghalkemm huwa minnu li s-socjetà konvenuta giet imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali *ad istanza* tal-attur stess (kaz Numru 936 - ara fol. 35-37) jirrizulta li <u>fuq talba tal-istess socjetà konvenuta</u> quddiem dak it-Tribunal ghal fini ta’ soprasessjoni in vista tac-citazzjoni in ezami, dak it-Tribunal ta digriet fis-7 ta’ Marzu 1996 li permezz tieghu laqa’ ‘t-talba tal-kumpanija ghas-soprasessjoni temporanja’ u ddifferixxa l-kawza quddiemu *sine die* riappuntabbli fuq talba bil-miktub ta’ xi wahda mill-partijiet.”

Ikkunsidrat:

Illi baqa’ biss illi jigi konsidrat l-aggravju kontra s-sentenza appellata avanzat mis-socjetà konvenuta permezz tal-paragrafu enumerat ghaxra (10) tar-rikors ta’ appell. Dan l-aggravju jammontaw ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u insufficjenti tal-provi prodotti. Dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni tal-provi kollha illi kienu rilevanti ghall-fini tad-determinazzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta u ghamlet apprezzament korrett ta’ dawk il-provi;

Ghaldaqstant, l-aggravju in ezami tas-socjetà konvenuta ma jistax jintlaqa’;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell tas-socjetà konvenuta billi ticdhu u billi, konsegwentement, tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes kollha ta’ din l-istanza jigu sopportati mis-socjetà appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------